**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 t' Ottubru, 2020**

**Rikors Numru: 172/2014 MLF**

**Rose Marie Brincat u zewgha Dr Joseph Brincat**

**vs**

**Annika Suvi Johanna Vaisanen u b'digriet tal-10 ta' Novembru 2014 gie nominat Dr Renzo Porsella Flores bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lil Annika Suvi Johanna Vaisanen li m'ghadhiex tghix Malta, u b'digriet tat-30 t' April 2019 giet nominata Dr Graziella Tanti bhala kuratur deputat sabiex tirraprezenta lil Annika Suvi Johanna Vaisanen li m'ghadhiex tghix Malta.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-atturi li permezz tieghu talbu li l-konvenuta tigu kkundannata thallas lill-atturi s-somma globali ta' hamest elef mitejn u sitt euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€5206.24)

dovuti in konnessjoni mal-okkupazzjoni tal-fond appartenenti lil Rose Marie Brincat, White Lodge 1, 20 Triq l-Isponsun, gia Triq il-Kappara, San Gwann, kwantu ghal €710 danni u kwantu ghal €4496.24 kont ta’ elettriku u ilma, servizz u konsum, bilanc ta’ kont akbar stante xi hlasijiet li saru.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata.

Rat ir-risposta tal-kuratur deputat Dottor Renzo Porsella Flores fejn espona:

Illi huwa ma jafx bil-fatt li wasslu ghall-kawza u ghalhekk jirriserva d-dritt li jressaq twegiba ohra aktar il-quddiem.

Rat in-nota tal-kuratur deputat Dottor Porsella Flores tal-21 ta’ Ottubru 2015 li maghha ezebixxa kopja tal-korrispondenza mibghuta lill-intimata, ittra tas-Sliema u ohra l-Finlandja – wara li l-esponenti ottjena l-indirizzi mill-Universita fejn hi kienet studenta – izda li baqghu ma tqassmux u ntbaghtu lura.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Lulju 2017 li fih ghar-ragunijiet fih moghtija, irrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tal-10 ta’ Novembru 2014 fejn innominat lil Dottor Renzo Porsella Flores bhala kuratur deputat ghall-intimata.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ April 2019 fejn innominat lil Dottor Graziella Tanti bhala kuratur deputat ghall-intimata, assenti minn Malta.

Rat ir-risposta tal-kuratur deputat Dr Graziella Tanti fejn eccepiet:

1. Illi l-esponenti m’ghandha l-ebda informazzjoni dwar fejn tista tinsab l-assenti Annika Suvi Johanna Vaisanen ghajr illi m’ghadhiex Malta u ghalhekk mhijiet edotta mill-fatti. Hija ghaldaqstant qed tirriserva d-dritt li tipprezenta risposta motivata u ulterjuri flimkien ma’ lista ta’ xhieda u dokumenti jekk ikun il-kaz, f’kaz u jekk tigi edotta mill-fatti;

2. Illi bla pregudizzju ghal dak suespost, in vista tat-trapass taz-zmien il-pretensjonijiet tal-atturi gew preskritti skond l-Artikoli 2111, 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta)

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2020, il-kuratur deputat Dottor Graziella Tanti irtirat it-tieni eccezzjoni taghha fir-risposta, u cioe dik tal-preskrizzjoni. Ghalhekk, din il-Qorti trid tiddeciedi biss il-mertu tal-vertenza.

L-attur Dottor Joseph Brincat xehed li l-fond in kwistjoni huwa proprjeta parafernali tal-mara tieghu l-attrici Rose Marie Brincat. L-attrici kriet dan il-fond lill-konvenuta, u meta ntemmet il-kirja, sabu li kien hemm pendenti kont tad-dawl elettriku fl-ammont ta' €4496.24, kif ukoll li waqt li kienet qed tirrisjedi fil-fond, l-konvenuta ikkagunat danni lill-ghamara li kien hemm fil-fond fl-ammont ta' €710.00. Ghalkemm huwa pprova jaghmel kuntatt mal-konvenuta biex thallas dawn l-ammonti ma rnexxielux.

Fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2020, l-attur Dottor Joseph Brincat xehed li huwa jikkonferma dak kollu li kien xehed u pprezenta sakemm inhatret il-kuratrici Dottor Graziella Tanti. Ikkonferma wkoll illi impossibbli tintracca lill-konvenuta propju ghaliex anke dak illi gabet fuq is-social media rrizulta kollu gideb, inkluz li kienet qed tahdem ma' kumpanija ta' avukati l-Waterfront. Ikkonferma wkoll li minn dak iz-zmien, il-konvenuta ma halset l-ebda parti mill-ammont minnha dovut lilu u lil martu.

Fl-istess seduta Dottor Graziella Tanti iddikjarat li wara li rat in-nota ta' Dottor Porsella Flores fejn ikkomunika ma' l-Universita ta' Malta fir-rigward tal-indirizz u kif ukoll ix-xhieda ta' Dottor Brincat f'dik l-istess seduta, hija informat lill-Qorti li ghaldaqstant m'hix edotta mill-fatti u ma hijiex f'posizzjoni li tipproduci provi.

Fl-opinjoni tal-Qorti, it-talba tal-atturi tirrizulta debitament ippruvata mix-xhieda li l-attur Dottor Joseph Brincat ta f'dawn il-proceduri u mid-dokumenti minnu ezebiti.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni fir-risposta tad-deputat kuratur Dottor Graziella Tanti, stante li din giet irtirata;
2. Tilqa' t-talba tal-atturi, u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' hamest elef mitejn u sitt Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€5206.24), bl-imghaxijiet mit-13 ta' Mejju 2014, data tal-prezentata tar-rikors promotur ta' dawn il-proceduri.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, ghandhom jigu subiti mill-konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**